Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14551/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0454 (COD)

CODEC 1643
ENV 1109
MI 826
COMPET 1068
CHIMIE 121
ENT 239
IND 458
RECH 468

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2011/65/UE fir-rigward tal-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi **(I-ewwel qari)** - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tinnota li ċiklu ta' rieżami ta' 48 xahar għaż-żieda ta' sustanzi ġodda fid-Direttiva RoHS jista' jkollu impatti negattivi fuq il-kwalità tal-valutazzjoni u fuq il-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-fatt li din il-valutazzjoni tas-sustanzi ssir eżerċizzju permanenti jista' joħloq ukoll inċertezzi għas-settur tat-tagħmir elettriku u elettroniku.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-adozzjoni ta' atti delegati għal eżenzjonijiet skont id-Direttiva RoHS tirrikjedi mill-inqas 12-il xahar. L-introduzzjoni tal-obbligu li jiġu adottati atti delegati fi żmien 9 xhur wara li tasal l-opinjoni tal-Kumitati tal-Aġenzija toħloq riskju li l-Kummissjoni ma tkunx tista' tirrispetta l-iskadenza.